


Punti Bażiċi dwar I-IMI

CONTENTS

1. DAĦLA.....	2
2. AFFARIJET BAŻIĊI	2
2.1. X'INHĠ S-SISTEMA TAL-IMI?	2
2.2. KIF TAĦDEM L-IMI?	3
2.3. JINGĦELBU L-OSTAKLI TAL-LINGWA	3
2.4. MIN JAGĦMEL XIEX FL-IMI?	4
2.4.1. L-AWTORITAJET KOMPETENTI	4
2.4.2. IL-KOORDINATURI TAL-IMI.....	4
2.4.3. IL-KUMMISSJONI EWROPEA.....	5



1. DAĦLA

Is-**Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI)** hi strument sikur onlajn li jippermetti l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jikkomunikaw malajr u faċilment mal-kontropartijiet tagħhom f'pajjiżi oħrajn tal-UE, l-Islanda, il-Liechtenstein jew in-Norveġja. Din il-gwida tiddekrivi kif taħdem u min jagħmel xiex fl-IMI.

Biex tuża l-IMI, mur: <http://ec.europa.eu/imi-net>.

Dan il-websajt jipprovdi l-link għas-**sistema tal-IMI** u **materjal ta' taħriġ u gwida** dwar kif tuża l-IMI, inklużi:

- **dejta ta' taħriġ tal-IMI** (kopja identika tal-IMI iżda mingħajr ebda dejta reali)
- **mistoqsijiet frekwenti** u **glossarju**
- **sett ta' linji gwida**.

Minħabba li l-IMI hi mibnija minn taqsimiet differenti, ma għandekx għalfejn taqra l-gwida kollha, iżda tista' tmur direttament fuq il-funzjoni li teħtieġ.

Għajjuna dwar passi speċifiċi fil-proċess tal-użu tal-IMI tinsab fis-sistema permezz ta' sensiela ta' "punti informativi", ikoni li tista' tikklikkjahom li juru informazzjoni addizzjonali dwar oqsma speċifiċi. Għal aktar **għajjuna**, jew biex tagħti **feedback** – ikkuntattja lill-**Koordinatur Nazzjonali tal-IMI (NIMIC)** – il-persuna responsabbli mit-tmexxija tal-IMI f'pajjżek. Skont l-istruttura organizzattiva tiegħek f'pajjżek, in-NIMIC seta' waqqaf Helpdesk nazzjonali tal-IMI jew xi punti ta' għajjuna mhux ċentralizzati. Għal dettalji ta' kuntatt, ara l-link għal "Helpdesks" fl-applikazzjoni tal-IMI.

Jekk **int NIMIC** u ma tistax issolvi problema, tista':

- tibgħat email lill-helpdesk tal-Kummissjoni f'dan l-indirizz imi-helpdesk@ec.europa.eu
- telefown +32-2-29-55470.

2. AFFARIJET BAŻIĊI

2.1. X'INH I S-SISTEMA TAL-IMI?

Hi għodda mfassla biex tgħin lill-awtoritajiet fil-pajjiżi tal-UE, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja **jaqsmu l-informazzjoni** ma' xulxin (u xi drabi mal-Kummissjoni Ewropea), kif meħtieġ skont ċerta leġislazzjoni tal-UE dwar is-suq uniku.

S'issa, l-IMI tista' tintuża f'**dawn l-oqsma**.

2.2. KIF TAĦDEM L-IMI?

L-IMI tgħin lill-awtoritajiet **isibu l-kontropartijiet tagħhom** f'pajjiżi oħra u jikkomunikaw magħhom malajr u b'mod effiċjenti.

Tgħin biex jingħelbu l-ostakli għal komunikazzjoni bħal differenzi fl-istrutturi amministrattivi jew lingwa (*ara t-taqsim 2.3 hawn taħt*) u diffikultajiet fl-identifikazzjoni ta' kontropartijiet f'pajjiżi oħra taż-ŻEE¹.

L-IMI hi magħmula minn taqsimiet individwali li jistgħu jintużaw indipendentement. Dawn huma:

- **Direttorju tal-awtoritajiet** reġistrati fl-IMI u responsabbli għall-iskambju tal-informazzjoni fil-kuntest ta' leġiżlazzjoni tas-suq uniku partikulari. Tista' tfittex **f'kull lingwa uffiċjali tal-UE**.
- Fluss ta' xogħol li **jitlob informazzjoni** minn awtorità oħra.
 - Din tuża **settijiet standard ta' mistoqsijiet u twegġibiet tradotti minn qabel** abbażi tal-leġiżlazzjoni konċernata tal-UE.
 - L-utenti jistgħu jinkludu dokumenti u jissorveljaw u jsewju r-rikjesti għall-informazzjoni pendenti.
- Fluss tax-xogħol li jibgħat, jirċievi u jferrex **notifiki u twissijiet**.
- **Repożitorji ta' informazzjoni** li huma bażijiet tad-dejta li fihom informazzjoni dwar oqsma ta' politika differenti. Dawn jipprovdu mod ċentralizzat ta' skambju ta' informazzjoni.

2.3. JINGĦELBU L-OSTAKLI TAL-LINGWA

Sabiex tagħmilha iżjed faċli biex awtoritajiet f'pajjiżi differenti jikkomunikaw, l-IMI taħdem b'forom standards (predefiniti u tradotti minn qabel) u b'mistoqsijiet u twegġibiet, disponibbli bil-**lingwi uffiċjali kollha tal-UE**.

Eżempju – impjegat taċ-ċivil li jaħdem għal awtorità Taljana jista' jagħżel sensiela ta' mistoqsijiet bit-Taljan u jibgħathom bħala talba għal informazzjoni lill-Ungerija. L-awtoritajiet Ungeriżi jaqrawhom bl-Ungeriż u jagħżlu t-twegġiba tagħhom bl-Ungeriż. L-awtorità Taljana mbagħad tirċievi t-twegġiba bit-Taljan.

F'każijiet aktar kumplessi, l-awtoritajiet jistgħu jipprovdu aktar dettalji b'**test ħieles**. Jekk għandek tagħmel dan, ikteb **ċar kemm jista' jkun** u b'**sentenzi qosra**.

Biex tgħinek aktar, l-IMI tipprovdi 2 tipi ta' appoġġ lingwistiku:

- hi turi **liema lingwi jifhmu** l-utenti f'kull awtorità (*ipprova agħżel waħda minn dawn kull meta jkun possibbli*)

¹ Il-pajjiżi tal-UE, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja (ŻEE = Iż-Żona Ekonomika Ewropea)

- hi toffri kwalunkwe **traduzzjoni awtomatika** għal test liberu minn u fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE.

 Traduzzjonijiet awtomatiċi jistgħu jagħtuk **sinteżi bejn wieħed u ieħor** tat-test biss. Jekk ikollok bżonn verżjoni aktar preċiża għal xi raġuni (eż. għanijiet legali), xorta waħda jista' jkollok bżonn li tikseb traduzzjoni uffiċjali.

2.4. MIN JAGĦMEL XIEX FL-IMI?

2.4.1. L-AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-atturi prinċipali fl-IMI huma l-awtoritajiet kompetenti fid-diversi pajjiżi taż-ŻEE², li jiskambjaw u jikkondividu informazzjoni permezz tas-sistema. Dawn jistgħu jkunu entitajiet tas-settur pubbliku jew entitajiet privati inkarigati li japplikaw il-leġiżlazzjoni tas-suq uniku. U jistgħu jkunu nazzjonali, reġjonali jew lokali.

2.4.2. IL-KOORDINATURI TAL-IMI

Skont ir-[Regolament tal-IMI](#)³ kull pajjiż taż-ŻEE għandu jkollu Koordinatur Nazzjonali tal-IMI (NIMIC). Il-gvernijiet nazzjonali jistgħu jaħtru koordinaturi addizzjonali tal-IMI biex jikkoordinaw parti jew kolloxx minn:

- qasam partikulari tal-leġiżlazzjoni
- diviżjoni amministrattiva
- reġjun ġeografiku eċċ.

Il-koordinaturi tal-IMI jista' jkollhom ir-**responsabbiltajiet** li ġejjin:

- **jirreġistraw** awtoritajiet oħra fis-sistema
- jaġixxu kemm bħala l-**punt ta' kuntatt** ewlieni tal-utenti tal-IMI f'pajjiżhom, kif wkoll għall-Kummissjoni
- jagħtu lill-utenti tal-IMI f'pajjiżhom **informazzjoni, taħriġ u appoġġ**, inkluż assistenza teknika bażika
- jiżguraw li l-IMI topera mingħajr xkiel (dan jinkludi reazzjoni xierqa u f'waqtha għal talbiet ta' informazzjoni).

² Il-pajjiżi tal-UE, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja (ŻEE = Iż-Żona Ekonomika Ewropea)

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE ("ir-Regolament tal-IMI")

Bħala awtoritajiet kompetenti, il-koordinaturi jistgħu wkoll jagħmlu skambju ta' informazzjoni ma' awtoritajiet oħra reġistrati fl-IMI.

2.4.3. IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Għall-IMI, il-Kummissjoni:

- għandha obbligu legali li jkollha rwol f'tipi partikulari ta' skambju ta' informazzjoni (eż. notifikasi dwar servizzi jew kwalifiki professjonali)
- tospita u tiegħu ħsieb is-sistema tal-IMI
- tittraduċi l-mistoqsijiet u tweġibiet standard tas-sistema
- tmexxi l-ħelpdesk ċentrali biex jgħin lill-Istati Membri jużaw l-IMI.

Għal aktar informazzjoni dwar id-diversi partijiet involuti fl-IMI, ara l-Linji Gwida dwar [ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-IMI](#).